# Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# Maġistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

**Il-Pulizija**

**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**vs**

**Marley Cassar**

**Kawża Numru 118/21**

**Illum, 16 ta' Jannar, 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkużi miġjuba kontra Marley Cassar detentur tal-karta tal-identità numru 24599M akkużat talli:

- Nhar it-22 ta' Settembru 2016, ghall habta tas-02:00hrs, gewwa Rahal il-Gdid, xjentement laqa' ghandu hwejjeg misruqa jew mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat u cioe'

zewgt muturi tal-ghamla Yamaha, li allegatament kienu misruqa minn gewwa Triq il-Karmnu, Zabbar, minghand Mario Buhagiar, liema serq hu aggravate bil-valur, bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruq skond art. 267, 270, 271(g), 279(a), 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

- F'xi hin bejn it-3 u l-4 ta' Ottubru 2013, gewwa Triq San Gużepp, Zabbar, ikkommetta serq ta apparat HiFI minn gewaa vettura Suzuki, bi hsara ghal-James Debono liema serq huwa aggravat bil-mezz, u bix-xorti tal-haga misruqa, dan skond Art. 264, 267, 271 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat id-dokumenti;

Semgħet il-provi;

Rat l-artikoli indikati u ċioè l-Art. 267, 271, 271(g), 279(a) u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ammetta l-ewwel akkuża kif dedotta kontrih anke wara li ngħata zmien opportun sabiex jikkonsidra l-pożizzjoni tiegħu.

Ikkunsidrat;

Stante ammissjoni, il-Qorti qed issib lill-imputat Marley Cassar ħati tal-ewwel akkuża kif dedotta kontrih u tpoggih taħt Ordni ta' Probation għal żmien sentejn (2) taħt l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li tilliberah mit-tieni akkuża stante li hi preskritta u kif ukoll liema Ordni għandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Finlament il-Qorti spjegat fi kliem sempliċi r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tiġix obduta.

---------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Maġistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Reġistratur**